Qorti tal-Appelli Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell 134/2019

Il-Pulizija

Vs

Noel Abdilla

Illum 12 ta' Novembru, 2019

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat illi fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie vverbalizzat is-segwenti:

*'Dr. Stefano Filletti ghall-appellant talab fost l-ohrajn il-Qorti tiddetermina l-appell bid-dispensa tas-smiegh, jew li thalli l-imputat jixhed, jew li tghaddi ghas-sentenza wara li tiskontra il-lanjanza sollevata tannulla l-istess, ir-raba, gialadarba rriskontrat il-lanjanza riskontratata llum tordna referenza kostituzzjonali.*

*Dwar l-ahhar punt l-appellant jissoleva li l-appellant huwa rinfaccjat bi kwistjoni partikolari li sprovvist mit-traskrizzjoni tax-xheda u xhieda li mhux biss sarilhom kontro ezami izda li jista' jkollhom ukoll access ghar-rikors tal-appell tieghu essendo parte civile, jixhdu b'mod differenti minn kif xehdu fil-Qorti t'isfel, minghajr ebda tip ta' kontroll jew protezzjoni prospettata mill-ligi bl-istitut tal-ispergur. Din il-problema hija amplifikiata mill-fatt illi propju minhabba li kif xehdu x-xhieda quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat ma xehedx ghax emmen li x-xhieda li nghatat kienet konflingenti u konfuzjonarja. Quddiem din il-Qorti minkejja li x-xhieda jistghu jerghu jixhdu minghjr ebda kontroll jew censura u l-imputat*

*huwa prekluz milli jixhed. L-effett kumulattiv ta' dan kollu johloq zbilanc procedurali u pregudizju li jista' jammonta ghall-ksur ta' smiegh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni. Semmai ir-referenza kostituzzjonali ghandha ssir fuq din il-linja.'*

Rat li l-Avukat Generali wiegeb ghat-talba ghal referenza kostituzzjonali maghmula waqt is-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Gunju ts-sena elfejn u dsatax (2019) fejn in parte qabel mal-ilment imqajjem minn Noel Abdilla fis-sens li t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet tax-xhieda fil-Prim Istanza huma important hafna mhux biss ghall-imputat izda anke ghal bank tal-prosekuzzjonu u l-Imhallef. Madankollu, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghal fatt li l-Magistrat sedenti fil-Prim Istanza traskriviet l-essenza tax-xhieda fil-verbal tas-seduta u fis-sentenza taghha. L-Avukat Generali ressaq sottomissjonijiet ohra li abbazi taghhom oggezzjoni ghat-talba kif imqanqla mid-difiza.

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi min ezami tal-atti jirrizulta li kienu xehdu numru ta' xhieda viva vocquddiem l-Ewwel Qorti u cioe' Glen Chris Farrugia, Michaela Vella u Valerie Scerri. Jirrizulta li x-xhieda jew l-essenza taghha giet imnizzla fil-verbal tal-istess seduta u cioe' f'dik tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018)[1]. Dak in-nhar il-kawza kienet intbaghtet ghal data ohra ghas-sentenza L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghax-xhieda li kienu xehdu quddiemha kif ukoll ghall-affidavitsipprezentati.

L-appellant Noel Abdilla fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti ressaq lanjanzi relatata man-nullita tas-sentenza, jew li l-imputat jithalla jixhed filwaqt li talab ukoll referenza kostituzzjonali stante li allega li hemm ksur ta' smiegh xieraq jekk xhieda li

[1] A fol 14.

diga xehdu jithallew jixhdu, skontu minghajr kontroll jew protezzjoni prospettata mill-ligi bl-istitut tal-ispergur filwaqt li l-imputat huwa prekluz milli jixhed. Issottometta ukoll li l-imputat ghazel li ma jixhidx minhabba li emmen li x-xhieda li nghatat kienet konflingenti u konfuzjonarja. Din il-Qorti tissottolinea li f'kaz ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali hija wahda li ghandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Filfatt l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:

'*Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*'

Ghalhekk din il-Qorti mhijiex imsejha u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeciedi fil-mertu il-kwistjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-talba taghhom ghal referenza Kostituzzjonali izda trid tara biss jekk fl-opinjoni taghha, it-talba maghmula mill-appellant ghal referenza kostituzzjonali abbazi ta' dak premess hijiex wahda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.

Ikkusidrat;

Jirrizulta li l-kawza kienet qieghda tinstema fis-seduta dwar il-kollizzjonijiet u li ghalhekk fin-natura taghha, hafna drabi l-Qorti taqta u tiddeciedi l-kawza seduta stante wara li tkun semghet x-xhieda jiddeponu quddiemha. F'dan il-kaz partikolari, s-sentenza inghatat f'seduta sussegwenti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Ruth Catania bint Raymond , imwieleda Pieta' fil-25 ta' Ottubru,**

**1982, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 582982(M)**[2]' fejn dwar il-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha, gie kkunsidrat li:

'*Dan jirrigwarda in principju l-appelli kollha li jigu maghmula u ittratati quddiem din il-Qorti. Izda hemm eccezzjoni ghal dan il-principju meta l-appell hu minn kawzi sommarji jew distrettwali. Dan hu ghaliex f'dawn il-kawzi x- xhieda mhiex traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti jkollha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. F'dawn il-kazijiet jista' jaghti l-kaz li xhud quddiem l-ewwel Qorti ma jghidx ezatt l-istess quddiem din il-Qorti u dik l-inesatezza tista' tbiddel l-andament kollu tal-appell. Dan ghaliex ma hemmx metodu kif tikkontrolla x-xhieda fid-diversi stadji tal-iter processwali.*

*Illi dan hu kaz minnhom fejn realment ma jistghax isejjahlu appell fis-sens komplet tal-kuncett. Ghalhekk, l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti hu wiehed pjuttost soggetiv minhabba l-fatt li ma hemm ebda traskrizzjoni tax-xhieda fil-prima istanza.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Elton Tonna) Vs Simone Micallef'**[3] gie kkunsidrat li:

'*L-appellanti tissottometti wkoll li vis a vis dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma nġabitx traskrizzjoni tax-xhieda.*

*Dwar il-kawżi sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, huwa ben magħruf li ħafna minnhom ma jkunux rekordjati. Il-Maġistrat jisma' x-xhieda, jista' jieħu xi noti waqt is-smigħ, u jagħti s-sentenza dak il-ħin.*

*Huwa veru li 'quod non est in actis non est in mundo' iżda dan il-prinċipju għandu japplika għal dak il-ġudikant li qed jiddeċiedi s-sentenza. Huwa marbut b'dak li sema' hu stess waqt is-smigħ tal-kawża.*

*F'sitwazzjoni fejn ix-xhieda ma jkunux rekordjati, jistgħu jinħolqu diffikultajiet għall-prova ta' sperġur li tirrikjedi aktar minn kelma ta' xhud kontra kelma ta' xhud ieħor. F'dan il-każ,*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2014 (Appell Kriminali Numru: 339/2012)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Kriminali Numru: 450/2011)

*Robert Cassar kien ħareġ liberat u allura lanqas biss kellu interess li jintavola appell fejn ix-xhieda kienu jerġgħu jinstemgħu u jiġu traskritti. Ma jfissirx pero' li dejjem u bilfors xhieda trid tkun traskritta u / irrikordjata sabiex ikun hemm prova ta' spergur.*

*Filfatt fit-tieni parti tan-Noti tal-Professur Mamo a fol 67 hemm hekk:*

*''Finally, for a charge of this crime it is not absolutely essential that the evidence impeached as false shall have been taken down in writing. What the witness has said may also be proved by parole evidence. (Vide judgment by Montanaro Gauci J. Criminal Appeal Police versus Galea 29 ta' Marzu 1952).'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Therese Spiteri'**[4] gie kkunsidrat li:
*'L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-ewwel qorti ma messhiex sabitha hatja ghax meta xehed quddiem dik il-qorti Dennis Thompson ma setax jiftakar id-data meta huwa ma nghatax access ghal ibnu. Anke li kieku x-xhud verament ma setax jiftakar id-data preciza fl-ewwel istanza, meta xehed quddiem din il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali) hu ma kellu ebda problemi dwar dati. Dan l-aggravju hu forsi aktar sintomatiku tal-pika ta' l-appellanti versu Dennis Thompson milli jista' jkun ta' utilita` ghal-istess appellanti, li messha taf li f'kawzi sommarji fejn id-deposizzjoni ma tigix traskritta, ix-xhieda jergghu jinstemghu de novo minn din il-Qorti.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza preliminari fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Warren Zammit (ID 379496M)**[5]' fejn dwar oggezzjoni maghmulha mill-appellant sabiex fl-istadju ta' revizjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali tisma' mill-gdid ix-xhieda tal-parti leza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat li:

*'Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, b'mod specjali dak li jipprovdi is-sub-inciz (3) tieghu, ghandu johrog illi xejn ma izomm lil din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni milli tisma' x-xhieda mill-gdid li jkunu gja instemghu. Illi di piu' minn daqqa t'ghajn lejn il- komparixxi a fol.1 tal-process jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ottemperat ruhha ma' dak dispost fis-sub-incizi (1), meta il-magistrat nizzlet in-notamenti taghha dwar ix-xiehda moghtija minn Richard Zammit, ghalkemm dawn ma jidhrux kompluti.*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru, 2007 (Appell 282/2007)
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar, 2019 (Appell Numru 485/2017)

*Di fatti hekk qalet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza Il-Pulizija vs Therese Spiteri deciza fit-2 ta' Novembru 2007 f'sitwazzjoni analoga fejn gie imqanqal aggravju dwar ix-xiehda ta' xhud li quddiem l-Ewwel Qorti ma setax jiftakar id-data meta ma inghatax access ghal ibnu, imbaghad ftakarha meta xehed fi stadju ta' revizjoni:*

***"f'kawzi sommarji fejn id-deposizzjoni ma tigix traskritta, ix-xhieda jergghu jinstemghu** de novo **minn din il-Qorti."***

*Fuq kollox hija wahda mill-funzjonijiet tal-Qorti illi fid-diskrezzjoni taggha tezamina il-kredibilita tax-xhieda li jiddeponu quddiemha, liema ezami jista' isir b'mod akkurat iktar meta dak ix-xhud jixhed viva voce quddiemha, u dan dejjem bid-dritt tad-difiza li tirregola dik id-deposizzjoni bil-jedd tal-kontro-ezami.*'

Ikkunsidrat;

Illi kif gia inghad, f'proceduri sommarji, il-Qorti ma hijiex obbligata li tnizzel kelma b'kelma dak li xhud ikun xehed quddiemha. Dan jirrizulta mill-Kodici Kriminali stess fejn skont l-artikolu 376(1)(b) il-Magistrat ghandu jnizzel jew igieghel lir-registratur inizzel:

'*is-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba.*'

Mill-atti ma jirrizultax li wahda mill-partijiet talbet sabiex dan isir, izda nonostante dan, l-Ewwel Qorti xorta wahda nizlet dak jew l-essenza ta' dak li x-xhieda xehdu quddiemha , fejn dan mhux biss tnizzel fil-verbal tas-seduta ta' meta xehdu dawn ix-xhieda, izda saret referenza fis-sentenza appellata ghal dak li xehdu .

L-artikolu 376(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu ukoll li:

'*(2) In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.*

*(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu.'*

Din il-Qorti ghalhekk abbazi tal-fatt li ghalkemm ma jirrizultax li wahda mill-partijiet sabiex il-Qorti tnizzel notamenti tax-xhieda, il-Qorti xorta wahda nizzlet l-essenza ta' dak li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, tqis li ma hemm l-ebda nuqqas fit-tharis tal-artikolu 376(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre', kif jiprovdi l-artikolu 376(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas ta' tharis tad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) lanqas ma jgib in-nullita' tal-procediment.

L-appellant jissottometti li x-xhieda jista jkollhom ukoll access ghar-rikors tall-appell tieghu essendo parte civile, jixhdu b'mod differenti minn kif xehdu fil-Qorti t'isfel minghajr ebda tip ta' kontroll jew protezzjoni prospettata mill-fatt li propju minhabba li kif xehdu x-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat ma xehedx ghax emmen li x-xhieda li nghatat kienet konflingenti u konfuzjonarja. Din il-Qorti ma taqbilx li mhux ser ikun hemm xi tip ta' kontroll jew protezzjoni u dan stante li l-aqwa kontroll huwa meta xhud jixhed viva voce quddiem Qorti, fejn Qorti tista' tizen u tevalwa l-kredibilita' tax-xhud. Oltre' minn dan, il-fatt li l-essenza tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti tinsab fil-verbal tas-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), tikkonferma kemm dak li xhud jista' jixhed quddiem din il-Qorti jista' jigi kkontrollat u kkomparat ma dak li tnizzel fil-verbal tas-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tassena elfejn u tmintax (2018) u mal-verzjonijiet moghtija lil Pulizija. In oltre', id-difiza ser ikollha kull dritt li tirregola dik id-deposizzjoni bil-jedd tal-kontro ezami. B'zieda ma dan, din il-Qorti zzid ukoll li l-appellant ma jidher li rriskontra l-ebda diffikulta sabiex ressaq l-aggravji tieghu, fejn huwa stess ghamel referenza ghal provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti inkluz dak li xehdu x-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tqis li la darba sejrin jergghu jinstemghu x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, jekk l-appellant ikun jixtieq jixhed quddiem din il-Qorti ghandu

jipprezenta rikors quddiem din il-Qorti sabiex din il-Qorti tqis jekk fl-interess tal-gustizzja u *ai termini* tal-artikolu 506 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhiex tawtorizza lil appellant biex jixhed quddiem din il-Qorti f'kaz li huwa jkun jixtieq li jaghmel dan.

Din il-Qorti tissottolinea kif anke ssugerixxa l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, li huwa desiderabbli kemm ghal partijiet u anke ghal din il-Qorti li kull xhieda anke fi proceduri sommarji jigu rrekordjata sabiex f'kaz ta' appell, tkun tista' ssir it-traskrizzjoni taghha minghajr ma jkun hemm dewmien inutili fejn din il-Qorti ikollha terga tisma' xhieda li jkunu gia xehdu quddiem l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, stante li din il-Qorti tqis il-lanjanza mressqa mill-appellant fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ghal referenza Kostituzzjonali bhala frivola u vessatorja, qieghda tichad it-talba ghal referenza Kostituzzjonali, u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell billi tordna s-smiegh mill-gdid tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur